MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 94/2013

Appell Numru: 93/2013 (Appell ta' James u John Farrugia)

Appell Numru: 94/2012 (Appell ta' Omar Caruana)

Il-Pulizija

Spettur Mario Tonna

Vs

James Farrugia

*Omissis*

John Farrugia

Omar Caruana

Illum, 16 ta' Mejju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti James Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 198182M, John Farrugia detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 121564M u Omar Caruana detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 030477M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

i. F'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq il-Qawra, Qawra, nhar is-26 ta' Ottubru, 2001 ghall-habta ta' 0330hrs, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 Jason John Spiteri f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija, u dan kif iccertifikaw it-Tabib Pierre Ellul MD u t-Tabib J Schembri MD mill-Isptar San Luqa (Art 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

ii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, xewxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ngabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat, u cioe' griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS 614 S Garzia u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 675 D Sciberras u PC 559 Jason John Spiteri, ufficjali pubblici (Art 68(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

iii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 JJ Spiteri, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni;

iv. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' whud inkarigati, u cioe' ta' PS 614 S Garzia, PC 675 u PC 559 skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz (Art 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

v. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 Jason John Spiteri kontra l-volonta' taghhom (Art 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

vi. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe' fl-uniformi ta' PS 614 S

Garzia u PC 559 Jason J Spiteri, liema ammont ta' hsara jammonta ghal mhux aktar minn Lm50.00 (Art 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

vii. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, m'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija (Art 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

viii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor (Art 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

ix. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha (Art 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

x. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, f'dawn il-Gzejjer, u cioe' bil-Belt Valletta, nhar is-26 ta' Ottubru, 2001, ghall-habta ta' 4.30am, ikkaguna hsara fil-vettura tal-Ghassa tal-Belt bin-numru tar-registrazzjoni GVP 120 liema hsara volontarja ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Art 325(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

xi. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 942 Saviour Chircop, perusna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti (Art 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

xii. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil PS 782 Joseph Schembri, PS 928 Ramon Mifsud Grech, PC 942 Saviour Chircop, PC 583 Patrick Attard, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz (Art 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

xiii. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, huwa persuna li titqies recidiva, wara li kif kien gie kkundannat ghar-reat b'sentenza li tkun saret definittiva ghamel reat iehor (Art 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet htija fil-konfront tal-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (dan fil-konfront tal-griehi sofferti minn Garcia) pero mhux tal-Artikolu 217 u 218 in kwantu ma' jirirzultawx il-mezzi prospettati fl-Artikolu 217, u lanqas il-gravita' taht l-Artikolu 218. Lanqas ma gie ben stabbilit minn kien responsabbli ta' xi incitement taht l-Artikolu 68, konsegwentement qed jigu liberati mill-effetti ta' dan. Tillibera ghall-istess raguni stante li ma jirrizulta ebda sekwestru taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Sabet htija ai termini tal-Artikoli 325, 338, 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u biss fil-konfront ta' John Farrugia anke ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli, 17, 20, 22, u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; rat ukoll il-verbal tal-partijiet li fil-kaz ta' htija gie suggerit l-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – fatt li l-Qorti gia' hija ex juris prekluza li taghmel fil-konfront ta' John Farrugia, stabbilita r-recidiva.

Dwar il-piena, ikkunsidrat il-gravita' u l-effett li attack ta' dan it-tip fuq membru tal-korp tal-pulizija fuq xogholhom – sahansitra bl-uniformi, jhalli fuq is-socjeta';

Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lil James Farrugia u Omar Caruana ghal piena karcerarja effettiva ta' disa'(9) xhur kull wiehed; u lil John Farrugia ghal piena karcerarja ta' tnax(12)-il xahar – dawn il-pieni huma miti stante l-mahfra tal-pulizija nvoluti.

Rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li semghet ix-xhieda ta' Guido Whitlock u Tarcisio Borg, u ghalhekk stabbiliet lil min verament jghajtu l-vetturi GAT796 u AMG036, konsegwentement tordna l-konfiska taz-zewg vetturi msemmija. F'dan ir-rigward tordna wkoll illi jittiehdu passi fil-konfront tal-persuni koncernati in vista' tan-nuqqas tat-transfer registrat skont il-Ligi fil-konfront taz-zewg vetturi.

Tippremetti wkoll din il-Qorti illi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma setax jigi applikat in vista' li l-ispejjez inkorsi mill-periti mqabbda ma gewx konstatati.

Rat ir-rikors tal-appellant Omar Caruana, pprezentat fit-22 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie misjub hati tal-offiza ta' natura gravi fuq PS614 S. Garzia u fejn sabithu hati fit-termini tal-artikolu 325 u 338 tal-Kap 9. in kwantu din tirreferi ghall-artikolu 388(ee) u fejn l-esponent gie kkundannat ghal-disa xhur prigunerija, tikkonfermaha fil-bqija

u minflok teroga piena aktar ekwa u gusta fil-konfront tal-esponent, jew alternattivament, fl-eventwalita` li ma jigux milqugha l-aggravji dwar il-mertu, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat ir-rikors tal-appellant James Farrugia u John Farrugia, pprezentat fit-22 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn gew misjuba hatja tal-offiza ta' natura gravi fuq PS 614 S. Garzia u limitatament ghall-esponent John Farrugia f'dik il-parti fejn gie misjub hati talli hu recediv, u wkoll fejn gew ikkundannati ghall-piena karcerarja ta' disa` xhur u tnax il-xahar rispettivament u tikkonfermha fil-bqija u minflok terog piena aktar ekwa u gusta fil-konfront taz-zewg esponenti, jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Omar Caruana w cioe':-

1) Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti erronarjament sabet lill-esponent hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS Garcia.

   Illi in effetti huma l-provi stess li jeskludu li l-esponent, fil-kors ta' dan l-incident, ippartecipa fl-aggressjoni li sehhet fuq l-imsemmi Surgent Garcia.

   In sostenn ta dan l-aggravju l-esponent sejjer jaghmel riferenza ghall-provi u f'dan ir-rigward l-ewwel xhud li jindika n-nuqqas ta nvolviment tal-esponent fil-griehi li gew lilu kagunati huwa precizament ix-xhud Garcia fejn a folio 47 jispjega:

   *"Pros:* *Inti l-ewwel nett surgent minn dawn in-nies li aggrediek qed taghraf lil xi hadd?*

   *Xhud:* *Iva qed naghraf tlieta minnhom li aggredewni dak il-hin u iehor li kien qed jghajjat fil-background.*

   *Qorti:* *Tiddistingwi min u min please?*

*Xhud:* *Huwa Omar Caruana li kien qed jghajjat u jinsulentana fil-background u t-tlett l-akkuzati l-ohra, it-tieni wiehed tal-griz, is-Sur Farrugia li wara sirt naf ghax jiena dawn qatt ma kellimthom u lanqas kont nafx jisimhom jew minn huma, dan kont qed nitkellem mieghu u qalli jiena m 'ghandi xejn kontrik personali jew kontra l-pulizija l-ohra hlief kontra dik l-uniform li-intom lebsin".*

Hekk ukoll a folio 49 jkompli jixhed:

*"Xhud:* *Gejt imbuttat jiena, gejt moghti daqqiet, insib ruhi mal-art ghal-gharrieda, daru grupp ta' nies fuqi. Dan kollu f'sekondi kien.*

*Qorti:* *Xi hin inti qed tallega li bdew jaggreduk fizikament dawn in-nies?*

*Xhud: Iva*

*Qorti:* *F'din il-konfuzjoni kollha li qed tghidli x'gara inti kont kapaci tiddistingwi lin-nies?*

*Xhud:* *Iva, jiena gharaft fosthorn l-agressuri tieghi dawn it-tlieta li ghadni kemm identifikajt li huma dawk ta' lil hawn. Omar pero` kien fil-background, am nafx wara giex.*

*Qorti:* *Eskludejt lis-Sur Omar Caruana?*

*Xhud:* *Jiena ma rajtux, ma kienx wiehed mill-aggressuri tal-bidu, ma nafx giex wara".*

Din l-affermazzjoni tkompli a folio 54:

*"Difiza:* *Ara hux qeghdin naqblu li n-nies li avvicinawk u li bdew ikellmuk kienu dawk in-nies illi inti semmejt? Dawk hargu u bdew ikellmuk?*

*Xhud:* *Iva u lil Omar Caruana jiena ma rajtux jaggredini. Jekk giex wara li kont mal-art ma nistax nghid, ma nafx".*

Illi issa huwa minnu li meta PS Garcia gie mwaqqa mal-art f'xi hin huwa ntilef minn sensieh u ghalhekk ma huwiex f'posizzjoni li jghid jekk l-esponent giex wara. Seta allura l-esponent ikkaguna l-ferita gravi ta' Garcia f'dan il-waqt?

Illi risposta ghal din id-domanda jaghatiha PC 675 Sciberras. Dan ix-xhud li wkoll kien wiehed mit-tlett Pulizija li marru fuq il-post, jispjega illi filwaqt li kien hemm dan il-battibekk bejn l-akkuzat John Farrugia u s-Surgent Garcia l-esponent imbotta lil PC559 Spiteri. Skond dak li jixhed PC 675 David

Sciberras, l-esponent telaq jigri wara l-PC559 Spiteri u laqtuh aktar il-fuq fit-triq filwaqt il grupp ta madwar sitt persuni daru mas-Surent Garcia.

Illi ghalhekk, id-dettal li ma jafx Garcia, ossija jekk l-esponet kienx qieghed jaghtih waqt li kien mal-art, fil-verita' jimlieh dan ix-xhud. A folio 88 dan ix-xhud jispjega testwalment is-segwenti:

*"Xhud:* *F'dak il-hin l-imputat Omar Caruana beda joffendina u jibghatn niehduh bil-familja u b'kollox. Hawnhekk dan beda jimbotta u jsawwat lil Kuntistabli Spiteri. Fil-fatt pruvajna nzommuh pero' dawn daru kollha maghna. Il-kuntistabli Spiteri irnexxielu jahrab bl-imputat Farrugia, Gabriele u Caruana jigru warajh fejn lahquh Iktar il-fuq fit-triq u bdew jaghtuh u tefghuh mal-art. Grupp ielior ta' madwar sitt persuni daru mas-surgent Garcia u bdew jaghtuh ukoll. Jiena kien hemm zewg membri ohra li m 'humiex akkuzati hawnhekk li bdew jaggreduni u rnexxieli niskappa minn taht idejhom u grejt lejn il-vettura, li kont l-eqreb wiehed tal-vettura*
*biex nitlob ghal assistenza. On the way biex nitlob ghal assistenza, rajt lil kuntistabbli Spiteri mitluq mal-art u dawk il-persuni li semmejt qabel li kienu qed isawtu lil kuntistabli Spiteri bdew mal-grupp l-iebor li kienu qed isawwtu lis-Surgent Garcia jigifieri nghid li dak il-hin kienu madwar disgha persuni, li dawn bdew jagbtuh brutalment bis-sieq go wicCu u hu mal-art".*

Illi pero' mill-banda l-ohra PC559 Spiteri jispjega illi filwaqt li grupp ta' nies kien qieghied issawwat lil PS Garcia huwa kien qieghed jigi aggredit minn diversi persuni, fosthom 1-esponent.

L-istess xhud, ikompli jispjega li huwa gera ghan-naha l-ohra tat-triq u minn hemmhekk huwa seta jara li madwar PS Garcia kien hemm sebgha minn nies qed jaghtu lill-istess PS Garcia. Fost dawn il-persuni dan ix-xhud kjarament ma jinkludix lill-esponent. Tabilhaqq a folio 77, ikompli jelabora:

*"Difiza:* *Jekk kien hemm sebgha madwar is-surgent, jekk nigu kien hemm xi tleta madwarek wasalna ghal ghaxar persuni u kien hemm xi nies ohrajn tghidilna madwar is-Sur Sciberras. Taf min kien madwar min?*

*Xhud:* *Min kien fuqi niftakar.*

*Difiza: Min kien fuqek?*

*Xhud:* *Dabbart daqqa ta' ras mingband John Farrugia u ddubajt daqtejn ta' sieq minghand Ornar Caruana.*

*Difiza:* *Dawn iz-zewg persuni ovvjament ma jistghux ikunu f'zewg postijiet f'daqqa, ma kienux hdejn l-ohrajn, kienu mieghek hux hekk?*

*Xhud: Iva".*

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi proeesswali l-esponent jikkontendi li l-ewwel qorti ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li 1-esponent huwa hati tal- ferita gravi fil-konfront ta' PS Garcia.

Illi fuq dan l-ewwel aggravju ukoll l-esponent ma jistax ma jabbracjax dak li stqarret l-ewwel Qorti stess ossija:

*"Is-Surgent Garcia kien car f'diskorsu meta qal "……James Farrugia kien fost dawk in-nies li xxuttjawni. Kienu hu u John, ghalhekk identifikajhom, ghax dawn kienu qrib tieghi u dawn kienu qed jixxuttjawni." (folio 334)"*

2) Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess it-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta kklassifikat l-offizi subiti minn PS 614 S. Garzia bhala ta' natura gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Dr Pierre Ellul xehed li kien ikklassifika l-offizi bhala ta' natura gravi minhabba li Garzia kellu xi snien ta quddiem li kienu chipped u kellu qatgha fuq wiccu fuq il-bridge of the nose (vide fol. 17 ta' l-atti proesswaIi). L-espert mahtur mill-Qorti Dr. Mario Scerri kkonferma li Garzia kellu din id-daqqa fuq imniehru u kellu zewg sinniet ta quddiem chipped (vide fols 152-153 ta 1-atti processwali). Dr Scerri pero' kkonkluda li sakemm dawn l-offizi ma jhallux xi marka permanenti u vizibbli, ma humiex gravi.

Illi filwaqt li Dr. Scerri, anke mill-aspett legali, huwa korrett, huwa risaput li sabiex jigi deciz jekk offiza hijiex gravi skond -artikolu 216 imsemmi, dik l-offiza trid necessarjament tirrientra f'xi wahda mill-ipotesijiet imsemmija fid-diversi paragrafi u sub-paragrafi ta' dak l-artikolu. Fil-kaz in disamina ma hemm assolutament ebda offiza li tista' tinkwadra ruha f'dawn l-ipotesijiet.

Illi fir-rigward tas-snien, fis-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet il-Pulizija vs Paul Spagnol (12.09.1996), gie effettivament ritenut li s-snien ma humiex konsidrati bhala parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u spejament fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul tal-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha ma huma relevanti ghall-finijiet ta l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz in dizamina ma rrizultax li kien hemm it-telf ta' hafna snien izda biss zewg sinniet ta quddiem li kienu chipped u rrizulta wkoll li dawn is-snien gew korretti minn dentist u l-ispejjez ta mitejn ira Maltin (Lm200) rifuzi mill-esponent.

Illi fir-rigward tad-daqqa fuq imnieher Garzia, tista' ssir referenza ghall-istess sentenza fi-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Spagnol(12.09.1996) fejn gie maistralment ritenut Ii:

> *"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi ma jirrizuita minn imkien li l-offiza fuq l-imnielier ta' Garzia gabet il-konsegwenzi msemmija fil-bran citat. Effettivament l-assenza ta dawn il-konsegwenzi tista' tigi kkonfermata anke jekk wielied ihares lejn il wicc ta PS 614 S. Garzia. Ghalhekk l-offizi minnu sofferti necessarjament jinkwadraw ruithom fl-artikolu 221 tal-Kodidi Kriminali fejn allura l-azzjoni kriminali tirrizulta estinta stante r-rinunzja.

3) Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr preudizzju ghall-aggravji preeedenti, jekk il-Qorti, nonostante l-insenjament tal-gurisprudenza, hija tal-fehma li wahda mill-offizi, jew it-tnejn li huma, huma ta natura gravi, allura peress li ma jirrizuita assolutament imkien mill-provi akkwiziti mma kienet il-persuna li tat id-daqqa li wasslet kemm ghal qatgha fuq il-bridge of the nose ta' Garzia kif ukoil ghac-chipping taz-zewg sinniet, u tkun konvinta li l-esponent a parti attiva fil-glieda kontra Garzia, ghandha neeessarjament issib htija fir-reat ta' offiza fi glieda accidentali kontemplat fil-paragrafu (c) tal-artikoiu 237 taI-Kodici Krimlnail.

Illi fir-rigward ta' dan ir-reat, b'referenza ghall-paragrafu (a) ta' l-istess artikotu 237, fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel sive Charles Demicoli (02.09.2010), li-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlet referenza ghal dak li jghid il-Crivellari fir-rigward:

> *"Nella rissa è avvenuto un omicidio: tutti i corrissanti, se non per volontà diretta, almeno per volontà indiretta o per colpa, ne sono responsabili; dunque meritano una pena; non l'ordinaria dell'omicidio, ma straordinaria, appunto perché è ignoto colui che materialmente la consumava.*

> *E, pero, regola rigorosa dettata dalla scienza che non possa essere applicata la pena straordinaria se non quando sia assolutamente ignoto l'autore dell'omicidio e non esista a carico di alcuno del corrissanti preponderanza di prova per crederlo omicida, perché, in questo caso, dev'essere punito come tale egli solo. Ictus uniuscumque contemplare oportet. Vuolsi, inoltre, dalla scienza che, ignoto l'autore dell'omicidio, siano puniti di pena straordinaria solo coloro chie si sono impegnati nella rissa."*

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali, peress li kien evidenti illi s-sejbien ta htija keliha tkun skond il-paragrafu (a) tal-artikolu 237 tal-Kodidi Kriminali, hassret il-verdett tal-gurati u rriformat il-piena. L-istess gara, pero' fit-termini tal-paragrafu (b), fis-sentenza fi-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Pace (10.12.1979).

Illi qed jigi reiterat li ma hemm assolutament ebda prova fl-atti processwali li tindika li l-esponent ikkawza l-offizi msemmija iktar il fuq u ghalhekk, fl-aghar ipotesi ghalih, peress li kien hemm diversi persuni li ppartecipaw fil-glieda, jista' biss jinstab hati tar-reat ta' offiza fi glieda accidentali.

4) Illi r-raba aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-esponent jirrileva ukoll li mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-esponent kien responsabbli ghad-danni allegati li gew kagunati fl-uniformijiet tal-Pulizija. Dwar dawn id-danni il-Pulizija jixhdu dwar f'xhiex jikkonsistu. PS 75 Carmelo Abela a folio 114 jaghti stima ta kemm jammontaw dawn l-hsarat (Ara Dok CA).

   Illi huwa veru wkoll li mill-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju 2006 a folio 420 tal-process jirrizulta li l-imputati seduta stante affettwaw pagament ta' Lm50 li nghataw lill-istess PS75. Tali pagament sar fi-istess gurnata li gew ukoll mhallsa lill-PS Garcia d-danni minnu subiti. Dan il-pagament, kif jirrizulta mill-istess verbal, sar minghajr preudizzju u ammissjoni ta' htija izda sabiex jigu saldati l-pretenzjonijiet ta' indoli civili naxxenti minn dan l-incident.

   Illi pero' mill-atti ma jirrizultax li dawn id-danni/hsarat twettqu mill-esponent u ghalhekk f'dan l-aspett ukoll l-ewwel Qorti ma setghatx legalment u ragonevolment issib htija taht l-Artikolu 325 tal-Kap 9.

5) Illi l-hames aggravju jikkonsisti fil-fatt li benche li mhux identifikat mis-sentenza appellata dwar liema kontravenzjoni qed tinstab htija jew jekk hux qed tinstab htija fuq il-kontravenzjonijiet kollha, jigi wkoll rilevat li ma hemm ebda prova li l-esponent huwa hati tal-kontravenzjoni ravvisata fI-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9.

6) Illi s-sitt aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti, il-piena karderarja [recte: ta' prigunerija] effettiva hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi tat-kaz.

Illi jibda sabiex jinghad li l-Pulizija kollha involuti f'dan l-incidenti hafru lill-esponent. Di piu' dan il-kaz jirrisali ghal tnax-il sena ilu. Jinghad bl-akbar rispett li l-mahfra abbinata mat-trapass ta' zmien kellhom iwasslu lill-Qorti sabiex ma terogax piena ta' prigunerija effettiva. L-imputazzjonijiet li taghhom gie misjub hati, ghalkemm oggettivament serji in kwantu kommessi fuq membri tai-Korp tal-Pulizija, huma fattwalment ta' ftit konsegwenza. Trrizulta mill-provi li -esponent ssalda l-hsarat kollha li kkaguna, liema hsarat ma kienux ta' portata kbira.

Rat l-aggravji ta' James Farrugia u John Farrugia:

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta kklassifikat l-offizi subiti minn PS 614 S. Garzia bhala ta' natura gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Dr Pierre Ellul xehed li kien ikklassifika l-offizi bhala ta' natura gravi minhabba li Garzia kellu xi snien ta quddiem li kienu chipped u kellu qatgha fuq wiccu fuq il-bridge of the nose (vide fol. 17 ta' l-atti proesswaIi). L-espert mahtur mill-Qorti Dr. Mario Scerri kkonferma li Garzia kellu din id-daqqa fuq imniehru u kellu zewg sinniet ta quddiem chipped (vide fols 152-153 ta 1-atti processwali). Dr Scerri pero' kkonkluda li sakemm dawn l-offizi ma jhallux xi marka permanenti u vizibbli, ma humiex gravi.

Illi filwaqt li Dr. Scerri, anke mill-aspett legali, huwa korrett, huwa risaput li sabiex jigi deciz jekk offiza hijiex gravi skond -artikolu 216 imsemmi, dik l-offiza trid necessarjament tirrientra f'xi wahda mill-ipotesijiet imsemmija fid-diversi paragrafi u sub-paragrafi ta' dak l-artikolu. Fil-kaz in disamina ma hemm assolutament ebda offiza li tista' tinkwadra ruha f'dawn l-ipotesijiet.

Illi fir-rigward tas-snien, fis-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet il-Pulizija vs Paul Spagnol (12.09.1996), gie effettivament ritenut li s-snien ma humiex konsidrati bhala parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u spejament fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul tal-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha ma huma relevanti ghall-finijiet ta l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz in dizamina ma rrizultax li kien hemm it-telf ta' hafna snien izda biss zewg sinniet ta quddiem li kienu chipped u rrizulta wkoll li dawn is-snien gew korretti minn dentist u l-ispejjez ta mitejn ira Maltin (Lm200) rifuzi mill-esponent.

Illi fir-rigward tad-daqqa fuq imnieher Garzia, tista' ssir referenza ghall-istess sentenza fi-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Spagnol(12.09.1996) fejn gie maistralment ritenut Ii:

> *"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p.*

> *235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

Illi ma jirrizuita minn imkien li l-offiza fuq l-imnielier ta' Garzia gabet il-konsegwenzi msemmija fil-bran citat. Effettivament l-assenza ta dawn il-konsegwenzi tista' tigi kkonfermata anke jekk wielied ihares lejn il wicc ta PS 614 S. Garzia. Ghalhekk l-offizi minnu sofferti necessarjament jinkwadraw ruithom fl-artikolu 221 tal-Kodidi Kriminali fejn allura l-azzjoni kriminali tirrizulta estinta stante r-rinunzja.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr preudizzju ghall-ewwel aggravju, jekk il-Qorti, nonostante l-insenjament tal-gurisprudenza, hija tal-fehma li wahda mill-offizi, jew it-tnejn li huma, huma ta natura gravi, allura peress li ma jirrizuita assolutament imkien mill-provi akkwiziti mma kienet il-persuna li tat id-daqqa li wasslet kemm ghal qatgha fuq il-bridge of the nose ta' Garzia kif ukoil ghac-chipping taz-zewg sinniet, u tkun konvinta li l-esponent a parti attiva fil-glieda kontra Garzia, ghandha neeessarjament issib htija fir-reat ta' offiza fi glieda accidentali kontemplat fil-paragrafu (c) tal-artikoiu 237 taI-Kodici Krimlnail.

Illi fir-rigward ta' dan ir-reat, b'referenza ghall-paragrafu (a) ta' l-istess artikotu 237, fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel sive Charles Demicoli (02.09.2010), li-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlet referenza ghal dak li jghid il-Crivellari fir-rigward:

> *"Nella rissa è avvenuto un omicidio: tutti i corrissanti, se non per volontà diretta, almeno per volontà indiretta o per colpa, ne sono responsabili; dunque meritano una pena; non l'ordinaria dell'omicidio, ma straordinaria, appunto perché è ignoto colui che materialmente la consumava.*
>
> *E, pero, regola rigorosa dettata dalla scienza che non possa essere applicata la pena straordinaria se non quando sia assolutamente ignoto l'autore dell'omicidio e non esista a carico di alcuno del corrissanti preponderanza di prova per crederlo omicida, perché, in questo caso, dev'essere punito come tale egli solo. Ictus uniuscumque contemplare oportet. Vuolsi, inoltre, dalla scienza che, ignoto l'autore dell'omicidio, siano puniti di pena straordinaria solo coloro chie si sono impegnati nella rissa."*

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali, peress li kien evidenti illi s-sejbien ta htija keliha tkun skond il-paragrafu (a) tal-artikolu 237 tal-Kodidi Kriminali, hassret il-verdett tal-gurati u rriformat il-piena. L-istess gara, pero' fit-termini tal-paragrafu (b), fis-sentenza fi-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Pace (10.12.1979).

Illi qed jigi reiterat li ma hemm assolutament ebda prova fl-atti processwali li tindika li l-esponent ikkawza l-offizi msemmija iktar il fuq u ghalhekk, fl-aghar ipotesi ghalih, peress li kien hemm diversi persuni li ppartecipaw fil-glieda, jista' biss jinstab hati tar-reat ta' offiza fi glieda accidentali.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet issib lill-esponent John Farrugia hati ta' l-addebitu tar-recidiva.

Illi l-prosekuzzjoni esibiet tlett sentenzi moghtija fil-konfront tieghu. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' Novembru, 1991, Giovanni sive John Farrugia kien gie kkundannat ihallas multa ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm 75). L-ex spettur Peter Paul Zammit kien ikkonferma li Giovanni sive John Farrugia huwa infatti 1-esponent John Farrugia. Ir-reati meritu tal-kawza in dizamina gew allegatament kommessi fis-26 ta' Ottubru, 2001, u cioe' kwazi ghaxar snin wara li nghatat is-sentenza msemmija. Dan ifisser li ma setghax jigi addebitat 1-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali lill-esponent in kwantu jirrizulta trapass ta' 'l fuq minn hames snin.

Illi giet esibita sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta' Awissu, 1990 fil-konfront ta' certa John Farrugia. A parti l-kwistjoni ta' trapass ta' 'l fuq minn ghaxar mid-data ta' l-allegati reati u a parti mill-fatt li l-piena erogata f'dik is-sentenza ma tistax titqies ghall-finijiet tar-recidiva, ma saret ebda prova tal-identita' ta' l-esponent fir-rigward ta' dik is-sentenza. Infatti l-ex spettur Gaetano Walker, li fix-xiehda tieghu jaghmel referenza erronja ghas-sena 1999, ma kienx f'posizzjoni jaghraf lill-esponent bhala l-istess persuna msemmija
f'dik is-sentenza.

Illi giet esibita wkoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Jannar, 1994, fil-konfront ta' John Farrugia, li l-ex spettur Pierrre Micallef Grimaud gharaf bhala 1-esponent. F'dik is-sentenza jirrizulta li kien hemm sejbien ta' htija ta' zewg kontravvenzjonijiet li ghalihom ma japplikax l-artikolu 50 in kwantu dak l-artikolu japplika biss ghad-delitti. Ir-recidiva fil-kontravvenzjonijiet hija regolata bl-artikolu 53 liema artikolu ma japplikax ghall-kaz in dizamina.

Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta sabitu hati ta' dan l-addebitu u, inoltre, b'referenza ghall-artikolu 28A(7)(b) ta' l-istess Kodici, kienet ukoll zbaljata meta ddikjarat li kienet "ex juris prekiuza" milli tapplika 1-artikolu 28A fil-konfront tieghu.

Illi r-raba′ aggraviu jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il piena karcerarja [recte: ta′ prigunerija] effettiva hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Illi jibda sabiex jinghad li l-Pulizija koliha involuti f′dan l-incidenti hafru lill-esponenti. Di piu` dan il-kaz jirrisali ghal tnax-il sena ilu. Jinghad bl-akbar rispett li l-mahfra abbinata mat-trapass ta′ zmien kellhom iwasslu lill-Qorti sabiex ma terogax piena ta′ prigunerija effettiva. L-imputazzjonijiet li taghhom gew misjuba hatja, ghalkemm oggettivament serji in kwantu kommessi fuq membri tal-Korp tal-Pulizija, huma fattwalment ta′ ftit konsegwenza. Irrizulta mill-provi li l-esponenti saldaw l-hsarat koliha li kkagunaw, liema hsarat ma kienux ta′ portata kbira.

Illi, fir-rigward ta′ 1-esponent James Farrugia, parti r-rwol verament periferali tieghu, fiz-zmien ta′ l-incident huwa kellu kondotta (u fedina penali) nadifa u hekk baqghet sal-gurnata tal-lum. Huwa bl-akbar rispett inkoncepibbli kif persuna, li certament ma kienitx il-persuna li kkawzat l-incident, li dak iz-zmien kellha biss dsatax-il sena u li kellha u ghad ghandha kondotta nadifa, tigi kkundannata ghall-piena ta′ prigunerija effettiva.

Illi, fir-rigward ta′ l-esponent John Farrugia, ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati rriteniet li ma kienx il-kaz, jirrizulta mix-xiehda ta′ PS 559 Jason Spiteri (fol. 321) li fil-bidu ta′ l-incident hu kien qieghed jipprova jipprotegi lill-Pulizija (vide wkoll f′dan is-sens ix-xiehda ta′ PC 675 David Sciberras moghtija fit-12 ta′ Novembru, 2004). Jirrizulta wkoll li ma kienx hu li kkawza il-glieda u kien biss wara li kienet diga′ bdiet li hu ppartecipa fiha. Naturalment ta′ dan ghandu jirrispondi, pero′ tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, piena ta′ prigunerija effettiva hija eccessiva.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg appelli, dak ta′ Omar Caruana u appell iehor ta′ James Farrugia u John Farrugia li jittrattaw l-istess kaz fl-istess incident. Ghalhekk il-Qorti se tikkonsidra z-zewg appelli flimkien u taghti decizjoni fil-konfront ta′ Omar Caruana u decizjoni ohra fil-konfront ta′ James Farrugia u John Farrugia. Hemm però zewg aspetti legali illi huma komuni ghaz-zewg appelli u cioé l-applikazzjoni tal-artikolu 237(C) tal-Kap. 9 kif ukoll li s-snien ma jaghmlux parti mill-wicc fejn allura kien hemm konsegwenza fuq id-deskrizzjoni tal-ferita subita mis-Surgent Garcia.

Ikkunsidrat:

Ghal dawk illi huma l-fatti irrizulta illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tal-elfejn u wiehed (2001) il-pulizija gew imsejha fit-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30 a.m.) id-diskoteka Fuego, il-Qawra, wara rapport illi kien hemm xi persuna fis-sakra qed taqla' l-inkwiet. Marru fuq il-post is-surgent 614 S. Garcia, PC 675 Sciberras u PC 559 Spiteri u tkellmu mas-security tal-post inkwistjoni. Dawn tal-ahhar qalu lill-pulizija illi s-sitwazzjoni ikkalmat izda indikaw karozza tat-tip Mercedes illi kienet qieghda tinstaq minn fuq il-post. Vicin kien hemm karozza ohra li ukoll giet indikata mis-security. Peress illi ma kienx hemm aktar kwistjonijiet il-pulizija qabdu t-triq biex jirritornaw lura izda fil-hin u l-waqt il-Mercedes tigi lura b'sahha kbira u zzomm brake qawwi magenb il-pulizija u minnha johorgu sebgha (7) min-nies. Sadanittant hargu erbgha (4) min-nies ohra mill-karozza li kien hemm ipparkjata mill-genb. Fost din il-gemgha kien hemm l-appellanti Omar Caruana, James Farrugia u John Farrugia. Dawn dawwru l-pulizija u John Farrugia indirizza lis-Surgent Garcia u qallu illi ma kellu xejn kontra tieghu personalment izda kontra l-uniformi u hawnhekk bdiet l-aggressjoni tat-tlett pulizija. Fost hafna ghajjat, kliem hazin, dagha u paroli fil-vojt. Is-Surgent Garcia jidher li kien il-mira partikolari ta' din il-gemgha li spicca biex sofra diversi griehi. It-tabib Dottor Pierre Ellul li ezamina lis-surgent xehed illi kellu lacerated wound fuq imniehru, bruise fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu, nefha fuq in-naha tal-lemin ta' xofftejh u grif fuq wiccu n-naha tal-lemin u kellu wkoll bicca sinna ta' quddiem imtajjra. L-pulizija l-ohra sofrew griehi hfief. Saret hsara lill-uniformijiet tal-pulizija kif ukoll lill-vettura taghhom wara li din giet aggredita minn John Farrugia.

Ikkunsidrat:

Mill-aspett legali z-zewg rikorsi tal-appell ghamlu riferenza ghall-artikolu 237(C) tal-Kap. 9 u argumentaw illi dana kellu japplika la darba ma giex identifikat il-persuna illi tat id-daqqa lis-Surgent Garcia. L-artikolu 237 jghid "meta fi glieda accidentali xi hadd jibqa' maqtul jew offiz fuq il-persuna, u ma jinstabx min kien l-awtur tal-omicidju jew tal-offiza, kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiz, ... fil-kaz ta' offiza gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur." Din il-Qorti però ma jidhrilhiex illi dan l-artikolu ghandu japplika. Dan ghaliex f'din l-aggressjoni ma kien hemm xejn accidentali izda l-aggressjoni kienet wahda mahsuba, intenzjonali bi hsieb specifiku illi jaggredixxu l-pulizija u jikkawzaw feriti. L-appellanti waslu fuq il-pulizija akkumpanjati minn nies ohra b'mod ferm aggressiv bil-mod kif saqu l-karozza waqt li kienet qed tivvicina lill-pulizija. Din avvicinathom b'velocità pjuttost elevat u b'sinjal ta' rabja nzammu l-brejkijiet b'mod qawwi. Kien f'dan il-mument illi nfethu l-bibien f'daqqa u hargu dawn in-nies kollha jdawru lill-pulizija. Ma hemm xejn accidentali

f'dan l-agir. L-appellanti u n-nies li kellhom maghhom gew apposta sabiex jaggredixxu lill-pulizija u d-dikjarazzjoni tal-appellant John Farrugia kif ripurtata aktar 'il fuq hija indikazzjoni cara tal-hsieb tal-appellanti fil-mument tal-aggressjoni u cioé hsieb premeditat u determinat biex jikkawzaw offizi lill-pulizija minhabba l-kariga illi huma jokkupaw. Ghalhekk l-appellanti ma jistghux jibbenefikaw ghal dak li jirrigwarda t-terminu tal-piena mil-artikolu 237(C) tal-Kap 9.

It-tieni aspett legali komuni ghaz-zewg rikorsi huwa dwar is-snien vis-à-vis il-klassifikazzjoni tal-offizi fil-kuntest tal-artikolu 216 tal-Kap. 9. Dan jiddisponi fost affarijiet ohra li l-offiza fuq il-persuna hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. L-appellanti qieghdin jargumentaw illi s-snien mhumiex parti mill-wicc u ergo ma jistghux jigu ikkunsidrati bhala feriti gravi.

Ikkunsidrat:

In sostenn tal-argument taghhom l-appellanti ikkwotaw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija kontra Paul Spagnol tat-12 ta' Dicembru 1996 fejn intqal, "... huwa veru li s-snien ma humiex parti mill-wicc ...". Il-Qorti però ghamlet *caveat* importanti hafna meta kompliet "ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett illi jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq." L-istess sentenza ghamlet differenza bejn mankament u sfregju, dak tal-ewwel igib deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza jipproduci sfiguratament u ghaddiet biex tikkwota 'l-Manzini in sostenn. Sfregju, mill-bandu l-ohra u a differenza ta' mankament hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wicc fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. U ikkonkludiet "kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gorgo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc." Dan jirrifletti perfettament il-hsieb tal-awtur Maino meta jghid, "Nella sostanza, rimane sempre che in entrambe le ipotesi l'alterazione deve essere tale da rendere zgradevole l'aspetto, e' questo e' pure l'inseniamento della dottrina. ... vi sara' dunque deformazione quando per la lesione sara' rimasto completamente sfigurato il viso, sfregio quando la lesione avra lasciato minori tracce permanenti, per le quali l'aspetto riesca meno gradevole. Non occorre inoltre che l'aspetto sia ridotto in condizione da destar ribrezzo od orrore." (Commento al Codice Penale Italiano, Volume 3, para. 1640, pagina 300). L-enfasi f'dan il-bran huwa "l'aspetto del viso" u l-effett illi l-ferita thalli fuq il-wicc. Is-snien huma parti integrali mill-aspett viziv tal-wicc ghad illi fizikament mhumiex parti mill-wicc u kien dan li

induca lill-Qorti tal-Appell tghid, "it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett illi jistghu jhallu fuq il-wicc ...". Din il-Qorti tmur oltre u tghid illi anke l-ksur ta' sinna wahda jekk din tkun fuq quddiem u tkun ben vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin," (Il-Pulizija versus Emily Zarb, Appell Kriminali 15/2/58, Vol XLII, part 4, pagna 1245).

Ghalhekk din il-Qorti kif preseduta ukoll tikkonkludi illi l-ksur ta' sinna ta' quddiem (incisor) tista' tkun offiza gravi fuq il-persuna li ggib mankament jew sfregju fil-wicc. Huwa irrilevanti illi b'teknika moderna tista' ixxejjen ghal kollox l-aspetti negattivi ta' sinna miksura. Hu importanti li l-ferita kawzata ma kinitx se tfiq jew tirranga ruhha b'mod naturali, f'liema kaz allura l-armonija tal-wicc ikun permanentement affettwat.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta ikklassifikat il-feriti li sofra s-Surgent Garcia fil-kuntest tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra l-operat tat-tlett imputati f'din l-aggressjoni.

Ikkunsidrat:

Wara ezami akkurat tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi t-tlett appellanti kienu partecipanti fl-aggressjoni fuq tlett ufficcjali tal-pulizija – Garcia, Spiteri u Sciberras. Is-Surgent Garcia jikkonferma illi kemm James kif ukoll John Farrugia aggredew u ixxuttjawh. Hu ikkonferma kategorikament illi John Farrugia qatt ma ipprova jwaqqaf l-aggressjoni izda kien partecipi attiv fiha.

Irrizulta ukoll illi l-appellant Omar Caruana ta daqqa ta' ras u bis-sieq lil PC 559 Spiteri kif ukoll skont ix-xhieda ta' PC 675 Sciberras ra lill-appellant Caruana u haddiehor jigru wara PC 559 Spiteri li anki ipprova jahrab tant illi tawh bis-sieq u tefghuh mal-art. Irrizulta fil-konfront ta' PC 675 Sciberras u PC 559 Spiteri li sofrew griehi ta' natura hafifa li sussegwentement irrinunzja ghall-azzjoni kriminali safejn dana jista' jsir fil-konfront tal-appellanti.

Irrizultaw ukoll il-hsarat li sofrew l-uniformijiet tal-pulizija f'din l-aggressjoni u wkoll irrizulta minghajr dubbju dettat mir-raguni li John Farrugia ikkaguna l-hsarat fuq il-vettura tal-pulizija.

Ikkunsidrat:

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant John Farrugia jargumenta illi l-addebitu tar-recediva ma jistax japplika fil-konfront tieghu u wara ezami akkurat ta' dawn is-sentenzi, issib illi l-appellant Farrugia ghandu ragun f'dan l-aggravju. L-ewwel sentenza ggib id-data ghoxrin (20) ta' Novembru elf disa' mija wiehed u disghin (1991), aktar minn ghaxar (10) snin mir-reat kommessi f'dan il-gudikat. Kwindi, skont l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali din is-sentenza ma tistax tapplika ghall-fini tar-recediva. It-tieni sentenza tirrizali sal-elf disa' mija u disghin (1990) kontra certu John Farrugia minghajr konnotati. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tabbina din is-sentenza mal-appellant odjern John Farrugia peress illi l-appellant zgur illi mhuwiex l-unika persuna b'dak l-isem f'dawn il-gzejjer. It-tielet sentenza tirrigwarda kontavenzjoni fejn allura din ma tapplikax ghar-recidiva ghar-reat; kontravenzjoni tapplika biss ghal kontravenzjoni. Ghalhekk issib illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi kienet "ex juris" prekluza illi taghmel xi sentenza sospiza fil-konfront tal-appellant John Farrugia.

Dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta l-piena inflitta tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi tista' tkun b'xi mod differenti. Ghalhekk din il-Qorti mhiex sejra tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-piena inflitta fuq James Farrugia u Omar Caruana ghad illi ghandha tiddisturba l-piena inflitta fuq John Farrugia peress illi l-addebitu tar-recidiva ma applikax.

Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-appell kontra Omar Caruana billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

Fil-konfront ta' James Farrugia, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

U fil-konfront ta' John Farrugia tilqa' in parti l-appell tieghu u tirriforma s-sentenza appellata limitatament f'dik il-parti fejn l-appellant John Farrugia gie misjub hati talli hu recidiv u tiddikjarah mhux hati ta' dan l-addebitu izda tikkonferma l-bqija tas-sentenza b'riforma ghall-piena fejn flok piena ta' prigunerija ta' tnax-il xahar tikkundanna lill-appellant John Farrugia ghal piena ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------